MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Numru. 303/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Ludvic Camilleri ta' 32 sena bin Anthony u Rita nee' Mifsud, imwieled l-Pieta nhar 17 ta' Marzu 1976, residenti fl-indirizz "Charmed Flats, Flat no.6 Triq Garcia De Toledo, San Pawl il-Bahar dententur tal-karta ta'l-identita' numru 167476(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Ludvic Camilleri li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. fit-8 ta' Marzu 2008 u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ikkometta serq ta' cheque book ghad-detriment

ta’ Sinop LTD., liema oggett misruq ma jiswix aktar minn tlieta u ghoxrin euro u 29 centezmu (€23.29).

U aktar talli fit-8 ta’ Marzu 2008 u fi zminijiet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

2. b’mezzi kontra l-ligi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti imaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn elfejn,tlett mija u disgha u ghoxrin euro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’l-HSBC Bank Malta p.l.c u ohrajn.

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghad-dannu tal-HSBC Bank Malta p.l.c u ohrajn ghamel qligh iehor b’qerq ta’ aktar minn elfejn,tlett mija u disgha u ghoxrin euro u 37 centezmu (€2329.37);

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjobnijiet obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurnati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

6. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat;

7. u aktar talli fl-istess dati lokalitajiet u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta.

B'hekk l-imputat Ludvic Camilleri sar recidiv ghat-termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'sentenza mill-Qrati ta' Malta liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti, jidher illi dana il-kaz kien jitratta dwar cheque book li gie mehud indebitament mill-imputat minn gewwa appartament fejn huwa kien jirrisjedi, liema cheque book l-imputat iddecida li juza sabiex jaghmel pagamenti lil diversi nies.  Illi ghalhekk ghalkemm l-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jidher illi ir-reat komemss mill-imputat huwa wiehed ta' serq ta' cheque book, kif ukoll ir-reat li jaqa' taht dak dispost fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux tar-reat minuri ta' frodi innominat kif previst fl-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghar-rigward ta'l-akkuza tar-ricettazzjoni, irrizulta ukoll illi dina hija akkuza alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u cioe' ghall-akkuza tas-serq. Ghar-rigward tas-seba' imputazzjoni, jidher illi dina ukoll hija akkuza alternattiva ghar-raba imputazzjoni.

Illi finalment ghalkemm il-proskeuzzjoni qeghdin ukoll jakkuzaw lill-imputat illi huwa sar recidiv skond il-ligi, madanakollu huma naqqsu li jezebixxu vera kopja tas-sentenza jew sentenzi relattivi moghtija fil-konfront ta'l-

imputat u ghalhekk fin-nuqqas ta’ dina l-prova il-Qorti ma tistax iisib htija lanqas f’dana ir-rigward.

Illi ghar-rigward tal-piena, l-Qorti sejra tiehu in konsderazzjoi l-ammisssjoni bikrija maghmula mill-imputat u il-fatt illi hwua ikkolabbora bi shih mal-pulizija. Inoltre jidher illi l-imputat diga irritorna parti mill-flus mehuda indebitament lill-vittmi ta’ dana r-reat u lest li jirrifondi l-bilanc kollu.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 189, 284, 308 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,  filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet, is-seba’, u t-tmien imputazzjoni, issibu hati ta’l-ewwel, it-tieni, ir-raba, u is-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospizi ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti inoltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28H tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna lill-hati ihallas is-somma ta’ €4133 lis-segwenti persuni u cioe` €1527 lil Anthony Schembri, €2066 lil Franke Delmar, €70 lil Georges-Karl Debattista, €200 lil Gaetano Fenech u €270 lil Joseph Agius  u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hwua jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu operrattiv ta’ dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna sabiex kopja ta’l-atti u s-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------